MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2013

Numru. 606/2013

**PULIZIJA**
**SPETTUR SPIRIDIONE ZAMMIT**

**VS**

**MARK ANTHONY POLLACCO**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Mark Anthony Pollacco, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 92673 (M).

**Akkuzat talli:**

Fit-23 ta` Gunju 2013 ghal habta tat-tlieta u kwart ta` filghaxija (03:15pm), gewwa All Seasons Confectionery fi Triq Telghat Rahal Gdid, Rahal Gdid, u/jew f'dawn il-

gzejjer ikommetta serq ta` flus u/jew oggetti ohra liema serq hu kkwalifikat cil-valur li ma jeccedix elfejn tlett mija u disa` u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-vjolenza li sar ghad-deteriment ta` Antonia Mizzi ta` 68 sena minn Rahal Gdid u/jew persuni ohra;

U aktar talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skont il-Ligi ta` l-Awtorita` Kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Antonia Mizzi ta` 68 minn Rahal Gdid, Nicky Maria Mizzi ta` 6 snin u/jew ta` persuni ohra liema delitt sar bil-hsieb ta` estorsjoni ta` flus jew hwejjeg ohra jew biex persuna ohra tkun imgieghla taghmel xi trasferiment ta` hwejjigha;

U aktar talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hedded bil-fomm lill-istess Antonia Mizzi u Nicky Maria Mizzi b’delitt fejn flimkien ma` dan it-theddid kien hemm ordni jew kundizzjoni;

U aktar talli fl-istess cirkustanzi f’dawn il-gzejjer ikkaguna biza` lil Antonia Mizzi u Nicky Maria li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta` taghhom jew kontra l-persuna jew il-proprjeta` ta` xi had mill-axxendenti,dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra;

U aktar talli b’diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, u cioe` talli fi 8 ta` Gunju 2013 ghal habta tad-disgha nieqes kwart ta` filghodu (08:50am) mill-Knisja Parrokjali Tal-karmnu fi Triq Hompesch, Fgura, u/jew f’dawn il-gzejjer ikkommetta serq ta` portmoni, flus, QuickCash Card, Banif Card u/jew oggetti ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-lok, ghad-deteriment ta` Catherine Demicoli mill-Fgura u/jew persuni ohra;

U aktar talli fl-istess cirkustanzi fis-7 ta` Gunju 2013 f'xi hinijiet mill-fond Is-Sultan fi Triq Hompesch, Fgura, u/jew f'dawn il-gzejjer ikkommetta serq semplici ta` flus minn bott ghad-deteriment ta` Metin Avsar u/jew persuni ohra;

U aktar talli fis-16 ta` Gunju, 2013, ghal habta tas-sitta u nofs ta` filghaxija (06:30pm) mill-Knisja Parrokjali Tal-Karmnu fi Triq Hompesch, Fgura, u/jew f'dawn il-gzejjer ikkommetta serq ta` portmoni, flus u cwievet u/jew oggetti ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-lok u bil-hin ghad-deteriment ta` Maria Schembri mill-Fgura u/jew persuni ohra;

U aktar talli fis-17 ta` Gunju 2013 ghal habta tad-disgha ta` filghodu (09:00am), minn Scotts Supermarket fi Triq Tal-Labour, Haz-Zabbar, u/jew f'dawn il-gzejjer ikkommetta serq semplici ta` flus u/jew oggetti ohra minn bott tad-*donations* ghall-annimmali u/jew ta` xi entitajiet jew persuni;
U aktar talli f'xi jumejn fix-xahar ta` Gunju 2013, f'hinijiet wara nofsinhar ghal Chain Supermarket fi Triq Hompesch, Fgura, ikkommetta serq semplici ta` flus u/jew oggetti ohra minn bott tad-*donations* u/jew ta` xi entitajiet jew persuni;

B'hekk Mark Anthony Pollacco irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta` htija tipprovdi ghas-sigurta` ta` Antonia Mizzi u Nicky Maria Mizzi minn Rahal Gdid u tapplika l-provediment ta` Artikolu 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li rat il-provi prodotta u x-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 261 (a) (c), 262 (a), 86, 87, 249 (2), 251 B, 284, 285, 275, 276 A, 279 (1), 383, 384, 385, 339 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara li hadet in konsidrazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kawza;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skont il-Ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qed issib lill-imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sitt (6) snin prigunerija u tirrakkomanda li l-imputat jitqieghed taht programm ta` kura mid-droga u jigi nkuragut li jsegwieh sal-ahhar ghat-tajjeb tieghu.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------